**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 497/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Mario Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Mario Formosa</u>**, iben Joseph u Maria nee Cauchi, imwieled fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2024 u residenti "Promenade Court", Flat 5, Triq Santa Marija, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 235979(M) talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs)

ġewwa blokka ta' appartamenti li jinsab fi Triq ta' Xagħmann, Sannat, Għawdex:

(1) naqas li jtella' barrikati tal-injam jew metall sabiex jagħlqu u jevitaw aċċess lil persuni mhux awtorizzati u dan bi ksur ta' regolament 6(c) tat-Tieni Skeda tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tas-Siti ta' Kostruzzjoni;[1]

(2) talli involontarjament b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Farrugia hekk kif iċċertifika Dr Paul Zammit M.D.[2]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Regolament 6(c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08;

[2] Artikolu 226(1) tal-Kap. 9

Rat l-atti tal-inkjesta maġisterjali li saret in konnessjoni ma' dan il-każ inkluż x-xhieda li xehdu quddiem l-esperti nominati;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022 il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li mara kienet għadha kemm waqgħet minn għoli ġewwa blokka ta' appartamenti li tinsab ġewwa Triq ta' Xagħmann, Sannat. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu mara mal-art ġewwa l-kaxxa tat-taraġ fir-raba' sular li kienet qed tiġi assistita minn tim mediku. Il-vittma ġiet identifikata bħala Rita Farrugia. Hija kienet akkumpanjata minn bintha Kimberley Farrugia. Minn investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija fuq il-post irriżulta li Rita u Kimberley Farrugia kienu marru jaraw xi madum li kien imwaħħal ġewwa appartament li kien jinsab fi blokka appartamenti fi Triq ta' Xagħman, Sannat. Waqt li Rita kienet nieżla t-taraġ hija allegatament marret biex iżżomm mal-ħajt bil-konsegwenza li waqgħet għall-isfel m'għola sular. Dan minħabba li ma kienx hemm ilqugħ mat-taraġ.

Kimberly Farrugia stqarret mal-Pulizija li hija u ommha kienu marru hemm biex jaraw xi madum għax Mario Formosa stess – li mingħandu huma kienu jixtru l-madum – kien qalilhom biex jagħmlu hekk. Farrugia kompliet tgħid li l-bieb tal-komun kien magħluq b'firroll. Huma fetħuh għax hekk kien qalilhom Mario Formosa u telgħu fuq ħalli jaraw il-madum imqiegħed fl-appartament. Hekk kif bdew neżlin 'l isfel ommha marret biex iżżomm mal-ħajt bil-konsegwenza li ma sabitx ilqugħ u waqgħet għall-isfel. Rita Farrugia ittieħdet l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn ġiet ċertifikata li soffriet ġrieħi gravi u kienet anke fil-perikolu tal-mewt. Rigward dan il-każ infetħet wkoll inkjesta maġisterjali.

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Regolament 6(c) tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08</u>**

Ir-Regolament 6(c) tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 jistabilixxi li

> *"Il-klijent għandu jtella' barrikati tal-injam jew metall jew bricks jew barrikati ta' materjal simili, mgħaqqad b'tajn bil-bażi ta' siment meta jkun qiegħed jagħlaq sit ta' skavar b'tali mod li jimblokka l-entratura u jipprevjeni l-aċċess lil persuni mhux awtorizzati u li:*

*(ċ) ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal."*

Il-klijent huwa definit fil-Kap. 623 bħala dik il-persuna li f'isimha jkunu qegħdin jsiru x-xogħlijiet. Mill-provi prodotti l-applikant tas-sit jidher li kien l-akkużat u dan hekk kif ikkonferma Mark Cini għan-nom tal-Awtorita tal-Ippjanar meta dan kien qed jixhed quddiem l-espert Dr Mario Buttigieg. Mark Cini jistqarr wkoll li fl-applikazzjoni saret dikjarazzjoni li l-akkużat Mario Formosa huwa l-propjetarju tas-sit.

George Cini li xehed in rappreżentanza tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni jindika li s-*site manager* kien ċertu Mark Agius detentur tal-karta tal-identita numru 7888(G). Issa fit-termini tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 s-site manager huwa l-persuna li: *"tiġi nominata minn u tkun responsabbli għan-nom tas-sid sabiex **tiżgura l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti**."*[3] Mela la darba kien hemm site manager u dan is-site manager ma kienx l-akkużat, huwa

[3] Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08.

dibattibbli kemm jista’ jingħad li r-responsabbilita għall-implimentazzjoni tar-regolamenti inkluż ta’ dak stabbilit fir-regolament 6(c) tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 kienet f’idejn l-akkużat. Huwa dibattibbli wkoll jekk fiċ-ċirkustanzi l-istess akkużat kellux iwieġeb għal xi nuqqasijiet, jekk verament kien hemm dawn in-nuqqasijiet.

L-espert tal-Qorti Dr Mario Buttigieg jindika li suppost kellu jkun hemm barrikati tal-injam jew tal-ħadid biex jagħlqu l-aċċess tas-sit lil terzi persuni. Iqis li fiċ-ċirkustanzi ma kienx hemm dawn il-barrikati u allura kien hemm il-ksur ta’ din id-disposizzjoni tal-liġi. Din il-Qorti ma taqbilx. **<u>Minn eżami tal-istess regolament li Formosa qiegħed jiġi akkużat li kiser, huwa ċar li l-barrikati huma rikjesti u jridu jsiru f’każijiet fejn is-sit jkun għadu qiegħed jiġi skavat</u>**. Din il-Qorti wasslet għal din il-konklużjoni anke minn dak li jispeċifikaw il-paragrafi ta’ qabel il-paragrafu (c). Fil-paragrafu (a) hemm indikat li l-barrikati jridu jkunu jifilħu għall-impatt estern. Sit li jkun qed jiġi skavat jkun f’livell aktar baxx mit-triq u huwa ovvju li l-leġislatur qed jimponi dan ir-rekwiżit biex f’każ ta’ impatt mal-istess, vetturi ma jibqgħux neżlin ’l isfel fis-sit li jkun qed jiġi skavat. Li kieku l-għan tal-leġislatur wara l-barrikati kien biss biex jiġi evitat aċċess mhux awtorizza fis-sit, ma kienx joqgħod jesiġi li l-barrikati riedu jifilħu għal xi impatt estern. Kien jesiġi biss li wieħed kellu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda aċċess u kien jieqaf hemm.

Assolutament mhux il-każ li s-sit odjern kien għadu qed jiġi skavat. Minn dak li irriżulta mill-istess inkjesta maġisterjali s-sit kien diġa mibni. Allura ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jkun hemm xi barrikati fis-sens indikat minn dan ir-regolament. Apparti minn hekk l-aċċess għas-sit kien **<u>magħluq u msakkar</u>** b'bieb tal-injam kif *del resto* jindika l-istess espert Dr Mario Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu. Għalhekk l-aċċess tal-pubbliku għas-sit kien ristrett. Infatti mill-filmati esebiti u mill-istills li inħarġu jidher li bint il-vittma riedet titħabat mhux ftit sabiex fl-aħħar rnexxielha tiftaħ il-bieb ħalli hi u ommha jkunu jistgħu jidħlu fil-blokka. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti għalhekk ma tqisx li din l-ewwel akkuża tirriżulta.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 226(1) tal-Kap. 9</u>**

Biex tirriżulta din it-tieni akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużat huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[4]

---

[4] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech***[5] fejn il-Qorti irrimarkat is-segwenti:

> *"Kif jispjega il-ġurista Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta għal xi fini partikulari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni għal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jespletaw attivita partikulari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerta prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati. Jekk wieħed jabbina dak li jgħallem l-Archbold ma' dak illi qalet din is-sentenza l-attivita tal-appellat trid tkun b'tali mod illi fl-esperjenza tiegħu bħala persuna teknika kellhu jieħu ċerta prekawzjonijiet bl-għan li jevita li l-interessi ta' terzi jiġu preġudikati. I**l-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet itteħdux jew jekk ittieħdu min kien li abbuża minnhom."***
> *(Enfażi ta' din il-Qorti)*

[5] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 1998.

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

> ***"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*** (Enfażi tal-Qorti)

Dan in linea mal-prinċipju li f'sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi.[6]

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li Rita Farrugia soffriet feriti ta' natura gravi wara li hija marret fi blokka appartament li kienet għadha fl-istadju li qed tiġi *finished*. Għalkemm ix-xogħlijiet strutturali jidher li kienu lesti, ix-xogħlijiet ta' finishing kienu għadhom għaddejjin. Infatti

[6] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.

mir-ritratt meħuda mill-espert tal-fotografija Max Xuereb nominat fl-atti tal-inkjesta il-crane użata għall-iżvilupp tidher li kienet għadha armata fil-lift shaft tal-blokka. L-intern kien wkoll kollu trab u l-ġenb tat-taraġ jidher li kien għadu ma inkesiex bil-madum. Jidhru wkoll wires fuq barra u l-cables possibilment tal-crane għaddejjin mill-istess partijiet komuni. L-aċċess għall-blokka tal-appartamenti kien magħluq u sabiex l-vittma u bintha daħlu fil-blokka kien jeħtiġielhom li jiftħu l-bieb li kien magħluq. Fil-mumenti ta' wara l-inċident Kimberly Farrugia tgħid li huma kienu marru f'din il-blokka fuq struzzjonijiet tal-akkużat biex jaraw xi madum li kien twaħħal f'xi appartament. Dawn il-fatti weħidhom pero mhumiex suffiċjenti biex iwasslu għall-sejbien ta' ħtija fl-akkużat. **<u>Irid jiġi ippruvat wkoll li kien hemm kondotta negliġenti da parti tal-akkużat u li tali kondotta negliġenti wasslet sabiex ġew kaġunati l-feriti fuq il-persuna ta' Rita Farrugia</u>**.

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti u assolutament ma tistax tasal għal xi konklużjoni li kien hemm xi kondotta negliġenti da parti tal-akkużat. Kienet Rita Farrugia li marret fuq il-post tal-inċident mingħajr ma kienet akkumpanjata minn ħadd mis-sidien tal-blokka jew inkella persuna awtorizzata minnhom. Rita Farrugia setgħet faċilment tintebaħ li l-blokka kienet għadha f'fażi ta' kostruzzjoni sia mid-dehra ġenerali tal-blokka minn barra u anke mill-avviżi li kien hemm imwaħħla mal-bieb tal-garaxx adjaċenti għall-istess bieb minn fejn daħlet il-vittma. L-aċċess għall-blokka kien magħluq b'folji tal-injam biex jevitaw aċċess minn terzi persuni għall-blokka. Infatti mill-filmati esebiti bint Rita Farrugia tidher

qed tissara biex tiftaħ il-bieb sabiex hija u ommha jkunu jistgħu jaċċedu għall-ġewwa l-blokka. La darba l-blokka kienet magħluqa, Rita Farrugia u bintha ma kien messhom qatt daħlu fil-blokka mingħajr ma kellhom jakkumpanjahom xi ħadd mis-sidien tal-istess, is-site manager jew inkella xi persuna inkarigata minnhom.

Apparti minn hekk kif daħlu ġewwa l-blokka, Rita Farrugia u bintha żgur li setgħu jintebhu li x-xogħol kienu għadu għaddej għax kien hemm ħafna trab u li t-taraġ ma kellu l-ebda ilqugħ. Dan jidher b'mod mill-aktar ċar mir-ritratti meħuda mill-istess espert Max Xuereb. Għalhekk ma kien messhom qatt telgħu t-taraġ biex immorru fis-sulari ta' fuq meta kien ovvju li ma kien hemm l-ebda poġġaman jew xi ilqugħ ieħor. X'ħin iddeċidew li jagħmlu hekk, huma poġġew lilhom infushom f'riskju li ma kellhomx għalfejn jieħdu bil-konsegwenza li sfortunatament hekk kif Rita Farrugia kienet nieżla t-taraġ hija waqgħet għaliex ma kellhiex ma' xiex iżżomm. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti tqis li Rita Farrugia poġġiet lilha inniffisha f'sitwazzjoni ta' perikolu meta hija daħlet f'binja li kienet għadha fi stat ta' kostruzzjoni u meta għażlet li tagħmel użu minn taraġ li ma kellu l-ebda ilqugħ. L-inċident għalhekk kienet taħti għalih unikament u esklussivament l-istess Rita Farrugia.

Għalkemm inizjalment Kimberly Farrugia tgħid li kienu ġew awtorizzati minn Mario Formosa biex immorru f'din il-blokka, din id-dikjarazzjoni Kimberly Farrugia baqgħet qatt ma ikkonfermata bil-ġurament. Infatti meta hija u ommha xehdu quddiem l-espert Dr Mario Buttigieg ħadd

minnhom m'għaraf jispjega kif kien seħħ l-inċident u x'kien ġara eżattament qabel seħħ l-inċident u ċ-ċirkustanzi li wassluhom sabiex huma marru f'din il-blokka u jiftħu l-bieb tal-istess. Min-naħa l-oħra l-akkużat Mario Formosa kemm fix-xhieda tiegħu quddiem l-espert Dr Mario Buttigieg u anke fid-deposizzjoni li huwa ta quddiem din il-Qorti ċaħad li huwa kien ta xi permess jew inkella b'xi mod ieħor awtorizza lil terzi sabiex jidħlu fil-blokka. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk din il-Qorti ma tistax tasal biex tikkonkludi li Mario Formosa għandu jġorr xi responsabbilita għall-ġrieħi gravi sofferti minn Rita Farrugia. L-akkużat assolutament mhux kriminalment responsabbli għall-akkadut.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur